**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

26.3.2024

Is-Sur Juan Fernando López Aguilar
President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil (COM(2020)0613 – C9-0308/2020 – 2020/0277(COD))

Sur President,

Bl-ittra tal-15 ta' Frar 2024[1], il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern ikkonsulta lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jipprovdi opinjoni dwar ix-xerqien tal-bażi ġuridika miżjuda għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil[2] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament propost").

Il-Kumitat JURI se jeżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2014.

## <u>I - Sfond</u>

F'Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar il-proposti leġiżlattivi inklużi fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[3] li kien ippreżentat mill-Kummissjoni f'Settembru 2020. Ir-Regolament propost, li l-Kummissjoni bbażat fuq l-Artikolu 78(2), il-punti (c), (d) u (e) u l-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-

[1] D(2024)5159.
[2] COM(2020) 613 tat-23 ta' Settembru 2020.
[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2020) 609 final tat-23 ta' Settembru 2020).



Magħquda fid-diversità

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kien parti minn dak il-Patt.

Wara li ntlaħaq ftehim proviżorju mill-koleġiżlaturi, is-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ntalbu jivvalutaw l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali u jagħmlu rakkomandazzjonijiet tekniċi bil-għan li jiżguraw li l-operabbiltà u l-koerenza tal-*acquis* ta' Schengen ikunu rispettati.

Wara li wettqu l-valutazzjoni, is-Servizz Legali rrakkomandaw li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rilevanza ta' Schengen jitneħħew mir-Regolament propost u jiġu inklużi f'att awtonomu. Dan irriżulta f'proposta għal Regolament li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148[4], li essenzjalment jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, negozjati u maqbula b'mod proviżorju fil-qafas tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni[5], flimkien ma' derogi mir-Regolament propost u emendi għall-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/1148[6].

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill approvaw din ir-rakkomandazzjoni fil-31 ta' Jannar 2024 matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Kuntatt dwar l-Ażil mal-ħames Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill. B'konsegwenza, qamet il-kwistjoni tat-tħassir tal-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-TFUE mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost inizjalment ippreveda wkoll it-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/555[7] (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja") u jipprevedi regoli ġodda dwar l-għoti tal-istatus ta' protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi għall-persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jistgħux jirritornaw lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, li kien jeħtieġ l-inklużjoni tal-Artikolu 78(2), il-punt (c), tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika. Matul in-negozjati interistituzzjonali ntlaħaq ftehim proviżorju li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ma titħassarx u lanqas ma jinħoloq status ta' protezzjoni immedjata ġdid. Għalhekk, l-Artikolu 78(2), il-punt (c), tat-TFUE għandu jitħassar ukoll mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost.

Fid-dawl ta' hawn fuq, il-Kumitat LIBE talab l-opinjoni tal-Kumitat JURI dwar ix-xerqien tal-bażi ġuridika kif modifikata.

## II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

Il-Kapitolu 2 ("Politika dwar kontrolli fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

---

[4] 2016/0224B(COD)

[5] 2016/0224A(COD) (COM(2016) 467 tat-13 ta' Lulju 2016 u emendat b'COM(2020) 611 tat-23 ta' Settembru 2020).

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

*Artikolu 78*
*(ex Artikoli 63, punti 1 u 2, u 64(2) TKE)*

*1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-għan li toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u bil-għan li tassigura l-ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement. Din il-politika trid tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u mal-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-refuġjati, kif ukoll ma' trattati oħra rilevanti.*

***2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar sistema komuni Ewropea ta' ażil li tinkludi:***

*(a) status uniformi ta' ażil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha;*

*(b) status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu ażil Ewropew, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali;*

***(c) sistema komuni ta' protezzjoni temporanja, fil-każ ta' dħul massiv, għal persuni maqlugħa minn pajjiżhom;***

***(d) proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus uniformi ta' ażil jew ta' protezzjoni sussidjarja;***

***(e) kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jikkunsidra applikazzjoni għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja;***

*(f) standards dwar il-kundizzjonijiet sabiex jintlaqgħu l-applikanti għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja;*

*(g) sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-amministrazzjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja jew temporanja.*

*(...)*

*Artikolu 79*
*(ex Artikolu 63, punti 3 u 4, TKE)*

*1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba sabiex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effikaċi tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda b'saħħa kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.*

***2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri fl-oqsma li ġejjin:***

*(a) il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, kif ukoll l-istandards dwar il-ħruġ minn Stati*

*Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, inklużi dawk biex terġa' tingħaqad il-familja;*

*(b) id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti legalment fi Stat Membru inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;*

***(c) l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tkeċċija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni;***

*(d) il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal.*

*(...)*

**III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni[8].

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura[9].

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti[10]. F'każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod li ma jistgħux jinfirdu, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti[11]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew[12].

**IV – L-għan u l-kontenut tar-Regolament propost**

---

8 Opinjoni 2/00 ("*Protokoll ta' Cartagena*"), ECLI:EU:C:2001:664, punt 5.

9 Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("*Diossidu tat-titanju*"), ECLI:EU:C:1991:244, punt 10.

10 Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2013:675, paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

11 Kawża C-300/89, punti 13 u 17; Kawża C-42/97, *Il-Parlament vs Il-Kunsill,* ECLI:EU:C:1999:81, punt 38; Opinjoni 2/00, punt 23; Kawża C-94/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("*Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam*"), ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, ECLI:EU:C:2006:4, punti 36 u 43.

12 Kawża C-300/89, punti 17-25; Kawża C-268/94, *Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

Kif spjegat fil-memorandum ta' spjegazzjoni tar-Regolament propost, li jfakkar l-esperjenza tal-kriżi tar-refuġjati tal-2015, l-Unjoni teħtieġ approċċ strutturat biex tittratta l-kriżi sabiex jiġu evitati reazzjonijiet *ad hoc*. Għalkemm it-test inizjali tal-Kummissjoni jidher li nbidel b'mod sustanzjali matul in-negozjati interistituzzjonali, il-fini tar-Regolament propost kif maqbul b'mod proviżorju jibqa' li jikkomplementa l-qafas leġiżlattiv li jopera fil-qasam tal-migrazzjoni bħala strument li jiżgura li l-Unjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha regoli speċifiċi li jistgħu jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' kriżi eċċezzjonali b'mod effettiv.

Ir-Regolament propost jiddefinixxi sitwazzjoni ta' kriżi (l-Artikolu 1(4)), kif ukoll ta' *force majeure* (l-Artikolu 1(5)), li jippermettu lill-Istati Membri li jidderogaw b'mod temporanju milli jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni[13] u r-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil[14]. F'dawk is-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi l-Istati Membri jistgħu jitolbu li japplikaw miżuri temporanji b'mod eċċezzjonali skont ir-Regolament propost (l-Artikolu 2). Is-sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' *force majeure* mbagħad tiġi stabbilita minn deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (l-Artikolu 3) filwaqt li fl-istess ħin tiġi proposta deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza derogi u tistabbilixxi miżura ta' solidarjetà (l-Artikolu 4). Ir-Regolament propost jipprevedi li "*l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' derogi u miżuri ta' solidarjetà*" huwa ta' tliet xhur u jista' jiġi estiż darba għall-istess perjodu (l-Artikolu 5). Jipprevedu wkoll għall-monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni mill-Kummissjoni kif ukoll għal koordinatur tas-solidarjetà (l-Artikoli 6 u 7 rispettivament). Il-Kapitolu III (l-Artikoli 8 u 9) jirregola "*miżuri ta' solidarjetà u appoġġ f'sitwazzjoni ta' kriżi*" filwaqt li l-Kapitolu IV (l-Artikoli 10 sa 13) jistabbilixxi d-derogi mill-qafas leġiżlattiv li jopera fil-qasam tal-migrazzjoni li jistgħu jiġu temporanjament applikati matul sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' *force majeure*. Parti mill-ftehim proviżorju dwar dan il-Kapitolu kien ukoll l-Artikolu 14 "*dwar miżuri applikabbli għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera f'sitwazzjoni ta' kriżi*" (enfasi miżjuda). Dak l-Artikolu sussegwentement tmexxa għal att awtonomu rilevanti għal Schengen u ma għadux jidher fit-test finali tal-ftehim politiku proviżorju. Fl-aħħar nett, ir-Regolament propost kif maqbul b'mod proviżorju jinkludi wkoll proċedura mħaffa għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 15) u Kapitolu dwar id-dispożizzjonijiet finali (l-Artikoli 16 sa 20).

## V – Analiżi

Għalkemm ix-xerqien tal-Artikolu 78(2), il-punti (d) u (e), tat-TFUE, li jipprovdi l-bażi ġuridika għal proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus uniformi ta' ażil jew ta' protezzjoni sussidjarja u għall-adozzjoni ta' kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni ta' liema Stat Membru huwa responsabbli li jikkunsidra applikazzjoni għall-ażil jew għall-protezzjoni sussidjarja, mhuwiex ikkontestat, ta' min wieħed jinnota li huwa ċar mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li r-Regolament propost qed isegwi preċiżament dawk l-għanijiet fis-sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' *force majeure*. Huwa wkoll utli li wieħed jinnota hawn li dawk id-dispożizzjonijiet mhumiex parti mill-*acquis* ta' Schengen.

Qed tiġi kkontestata l-preżenza tal-Artikolu 78(2), il-punt (c), u l-Artikolu 79(2), il-punt (c) tat-TFUE bħala bażijiet ġuridiċi addizzjonali fir-Regolament propost wara l-ftehim proviżorju

[13] 2020/0279(COD) (COM(2020) 610 tat-23 ta' Settembru 2020)
[14] 2016/0224(COD) (COM(2016) 467 tat-13 ta' Lulju 2016 u emendat b'COM(2020) 611 tat-23 ta' Settembru 2020.

u l-valutazzjoni teknika ta' dak il-ftehim fid-dawl tal-koerenza tal-*acquis* ta' Schengen.

L-Artikolu 78(2), il-punt (c) tat-TFUE kien meħtieġ bl-inklużjoni ta' regoli ġodda għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u għalhekk, it-tħassir tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja fir-Regolament propost, kif inizjalment adottat mill-Kummissjoni. Peress li fl-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali kif maqbula b'mod proviżorju mill-koleġiżlaturi r-Regolament propost ma jibqax iħassar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja u lanqas ma joħloq status ta' protezzjoni immedjata ġdid, jidher tabilħaqq xieraq li jitneħħa l-Artikolu 78(2), il-punt (c), tat-TFUE mill-bażi ġuridika tiegħu.

Fir-rigward tal-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-TFUE, fil-kuntest ta-Regolament attwali l-koleġiżlaturi nnegozjaw u qablu b'mod proviżorju wkoll dwar il-miżuri applikabbli għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera f'sitwazzjoni ta' kriżi. Madankollu, id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-ritorn ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi kienu oriġinarjament parti mill-Konvenzjoni ta' Schengen (l-Artikoli 23 u 24) taħt il-Kapitolu IV tat-Titolu II intitolat "*Tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni u fuq il-moviment ta' persuni*". Huwa essenzjali li jiġu ppreservati l-operabbiltà u l-koerenza tal-*acquis* ta' Schengen[15], kif ukoll il-konformità sħiħa tiegħu, minn naħa waħda, mal-Protokolli rilevanti tal-ĠAI[16] u, min-naħa l-oħra, mal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen konklużi mill-Unjoni man-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Ir-ritorni kollha ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi miż-żona Schengen iridu jitqiesu bħala żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, billi n-nazzjonali kollha ta' pajjiżi terzi li jidħlu fiż-żona Schengen huma soġġetti għall-kundizzjonijiet uniformi ta' dħul stipulati fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-Artikolu dwar miżuri applikabbli għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera f'sitwazzjoni ta' kriżi, u kwalunkwe dispożizzjoni oħra dwar ir-ritorn, fir-Regolament propost, għandhom, għalhekk, jitqiesu bħala parti mill-*acquis* ta' Schengen relatat mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni u għandhom jitneħħew mir-Regolament propost li mhuwiex att rilevanti għal Schengen. Għalhekk, l-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-TFUE għandu korrettament jitneħħa mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost.

## <u>VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni</u>

Fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda , bi 17-il vot favur, l-ebda vot kontra u astensjoni waħda[17], li jirrakkomanda lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li t-tħassir tal-Artikolu 78(2), il-punt (c), u l-Artikolu 79(2), il-punt (c), tat-TFUE mill-bażi ġuridika tar-Regolament propost u li jiġi bbażat fuq il-bqija tal-Artikolu 78(2), il-punti (d) u (e), tat-TFUE jidher li jkun xieraq.

---

[15] Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010 fil-Kawża C-482/08, *Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill* (*VIS*), ECLI:EU:C:2010:631, punt 48, li fiha l-Qorti tirreferi għall-"*koerenza neċessarja ta' dan l-acquis* [ta' Schengen] *u tan-neċessità li tinżamm din il-koerenza fl-iżvilupp possibbli tiegħu*"; ara wkoll il-punti 49 u 58 ta' dik is-Sentenza.

[16] Il-Protokolli (Nru 19) dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-Qafas tal-Unjoni Ewropea, (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka.

[17] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Marion Walsmann (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Alessandra Basso, Ilana Cicurel, Ibán García Del Blanco, Pascal Durand, Daniel Freund (għal Sergey Lagodinsky, skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura), Heidi Hautala, Pierre Karleskind, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, René Repasi, Franco Roberti, Michaela Šojdrová (għal Jiří Pospíšil, skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura), Axel Voss, Javier Zarzalejos.

Dejjem tiegħek,

Adrián Vázquez Lázara

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà eskluživa tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.